MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 154/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. D. Saliba)**
**Vs**
**Frank Schembri**
**Giuseppe Tabone**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Giuseppe Tabone w l-appellati Frank Schembri u Giuseppe Tabone quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. Frank Schembri fil-kapacita' tieghu ta' direttura tal-kumpanija Schembri & Sons Ltd u lil Joe Tabone fil-kapacita' tieghu ta' foreman fl-istess kumpanija, fis-27 ta' Gunju, ghall-habta ta' 10.00 a.m. u fil-granet ta' qabel fil-Foster Clark, Industrial Estate, San Gwann, naqsu milli jharsu s-sahha w sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-

post tax-xoghol u dan ai termini ta’ l-artikolu 6(1) ta’ l-att 27/2000 Kap. 424.
2. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi fil-kapacita’ taghhom ta’ persuni li jhaddmu, naqsu li jizguraw li kull haddiem ghandu taghmir protettiv personali w jizguraw li fejn hemm il-prezenza ta’ aktar minn riskju wiehed, fejn jehtieg li haddiem jilbes fl-istess hin aktar minn oggett wiehed ta’ taghmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli w li jibqa’ jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji nvoluti. Naqsu wkoll li jistabilixxi l-kundizzjonijiet ta’ uzu ta’ taghmir protettiv personali, b’mod partikolari ghal kemm hin ghandu jintlibes, skond il-bazi tas-serjeta’ tar-riskji, l-frekwenza ta’ kemm bniedem ikun espost ghar-riskji, l-karatteristici tal-post tax-xoghol ta’ kull haddiem u l-operazzjoni tat-taghmir protettiv personali w jizguraw ukoll li jekk ic-cirkostanzi jehtiegu li taghmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna wahda jiehu l-mizuri kollha xierqa sabiex jizgura li dan l-uzu ma johloq ebda problema ta’ sahha jew igjene ghall-utenti differenti. Naqsu li jizguraw li dan it-taghmir jinghata minghajr ebda hlas minn min ihaddem u jizguraw li dan it-taghmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f’kundizzjoni igjenika tajba permezz tal-manutenzjoni, t-tiswija w it-tibdil ta’ bicciet mehtiega. Naqsu milli jaraw li qabel haddiem juza taghmir protettiv personali javzah dwar ir-riskji li t-taghmir ikun qed iharsu kontrihom. Naqsu wkoll li jizguraw li jigi kkonsultat ir-Razzprezentant ghas-Sahha w is-sigurta’ tal-Haddiema w dan ai termini ta’ l-artikoli 4,5,6,7,8,10(1)92), 11 u 17 ta’ l-A.L. 121/03.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 6(1) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta’ Malta w ir-Regolamenti 4,5,6,7,8,10(1)(2), 11 u 17 tal-A.L. 121/03 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lil Frank Schembri hati w ghaldaqstant illiberatu. Filwaqt sabet lill-appellant Joe Tabone hati w ikkundannatu multa ta’ elf Euro (€1000).

Rat ir-rikors tal-appellant Giuseppe Tabone minnu pprezentat fil-15 ta’ Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant Giuseppe k/a Joe

Tabone hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu w immultatu €1000 u tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-21 ta’ Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat Giuseppe k/a Joe Tabone hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, filwaqt li tirrevokaha w thassaraha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellat Francesco k/a Frank Schembri mhux hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu w minflok, wara li tisma’ r-rapprezentanta tar-Registratur tal-Kumpaniji, tghaddi biex tiddisponi minnha skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant/appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Giuseppe Tabone, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti u cioe' :-

1. illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi meta sabet htija a bazi tax-xhieda tal-prosekuzzjoni li whud minnhom qalu li kienu fuq il-post tax-xoghol kienu mpjegati mas-socjeta’ Frank Schembri & Sons Ltd waqt li Joseph Borg qal li kien impjegat ma Frank Schembri;
2. illi l-akkuza kif dedotta hija kontra l-appellant fil-kapacita’ tieghu ta’ “foreman” tas-socjeta’ Schembri & Sons Ltd u mhux fi kwalita’ ohra, w ghalhekk il-prova li kellha tingieb mill-prosekuzzjoni illi l-impjegati msemmija fil-komparizzi kienu qed jahdmu mas-socjeta’ Schembri & Sons Ltd u mhux ma xi kumpanija jew persuna legali ohra;
3. illi kellha tingieb ukoll il-prova li l-appellant fid-data msemmija fl-akkuza kien impjegat bhala “foreman” ma’ l-istess socjeta’ Schembri & Sons Ltd;
4. illi ghar-rigward tat-tieni akkuza, fil-konfront tal-appellant, din qatt ma setghet tirrizulta stante illi fl-ebda waqt quddien l-Ewwel Qorti ma ngibet xi prova illi l-appellant ihaddem huwa stess lill-impjegati w dana peress fl-ewwel akkuza l-appellant qed jigi akkuzat fil-kapacita’ tieghu ta’ “foreman” tas-socjeta’ Schembri & Sons Ltd u

ghalhekk, *ex admissis* il-prosekuzzjoni qed tharrek lilu bhala mpjegat ta' l-istess socjeta' w mhux bhala principal jew persuna illi jhaddem lin-nies mieghu.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali fil-qosor, jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti, bid-decizjoni taghha li ma tilqax it-talba ghal diferiment maghmulha mill-prosekuzzjoni, ma ppermettitx lill-prosekuzzjoni biex, waqt il-kawza w b'appogg ghall-akkuza, tipproduci xi prova indispensabbli w li kienet ammissibbli skond il-ligi.
Illi r-Registratur tal-Kumpaniji qieghed fil-posizzjoni li jkun jaf, inter alia, minn huma l-ufficjali ta' kwalunkwe kumpanija fi kwalunkwe perjodu. B'hekk, ix-xiehda tar-rapprezentanta tar-Registratur tal-Kumpaniji qeghda f'posizzjoni li tinforma lill-Qorti dwar min kienu d-diretturi tal-kumpanija Schembri & Sons Ltd fil-perjodu meta sehh l-allegat reat, stante li r-rapprezentanta tikkonsulta mad-dokumenti relattivi dwar l-imsemmija kumpanija.
Illi bid-decizjoni taghha l-Ewwel Qorti cahdet lill-prosekuzzjoni milli tipprezenta prova essenzjali dwar il-posizzjoni ta' l-appellat Frank Schembri fi hdan l-imsemmija kumpanija w b'hekk prova dwar jekk kellux ir-responsabbilita' li jassigura li jitharsu l-provedimenti tal-ligijiet dwar is-Sahha w is-Sigurta' fuq il-post tax-xoghol.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Lulju, 2009, li bih din il-Qorti ordnat li z-zewg appelli jinstemghu kontestwalment;

Rat id-Digriet tal-istess data li bih il-Qorti awtorizzat lix-xhud Leah Caffari li, biss ghall-fini ta' praticita', f' dan l-istadju, tesebixxi r-Registered Documents tas-socjeta' Schembri & Sons Limited, u dan bla pregudizzju ghall-appell ta' Giuseppe Tabone u bla pregudizzju ghall-ezitu finali dwar jekk l-aggravju tal-appellant Avukat Generali ghandux jigi milqugh, bir-rizerva okkorrendo tal-isfilz tal-istess dokument.

Semghet it-trattazzjoni dwar iz-zewg appelli;

Ikkonsidrat;

Illi kjarament din il-Qorti l-ewwel trid tiddeciedi l-appell tal-Avukat Generali qabel ma tiddeciedi dak tal-appellant Giuseppe sive Joe Tabone. Dan ghaliex jekk jigi milqugh l-appell tal-Avukat Generali, dan jista' talvolta anki jwassal biex tigi annullata s-sentenza appellata.

Illi l-Avukat Generali, fl-espozizzjoni tal-fatti li taw lok ghall-appell odjern, iddikjara li din il-kawza - li originarjament kienet bdiet b' komparixxi mahruga fl-4 t' Ottubru, 2007 – setghet titkompla biss fis-6 ta' Mejju, 2009, minnhabba li fil-frattemp kienet saret referenza Kostituzzjonali. Dak in-nhar, waqt is-smiegh tal-kawza, l-ufficjal prosekutur talab lir-rapprezentanta tar-Registratur tal-Kumpaniji fi hdan l-Awtorita' Maltija ghas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) sabiex tixhed dwar min kienu l-ufficjali tal-kumpanija Schembri & Sons Limited. Din xehdet ghab-bazi tad-data tal-akkuza w cioe' s-27 ta' Gunju, 2006. Pero', peress li gie notat illi l-akkuza suppost kellha tirriferi ghad-data ta' Gunju, 2007, il-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-akkuza, liema talba giet milqugha. Gara allura li r-rapprezentanta tal-MFSA kellha bzonn tirricerka r-records tal-MFSA biex tara min kienu d-diretturi tas-socjeta' **f' Gunju, 2007** u ghalhekk il-Prosekuzzjoni talbet differiment. L-Avukat Generali jsostni li l-Ewwel Qorti ma laqghetx din it-talba w ghaddiet biex tiddeciedi l-kawza dak in-nhar stess. B' hekk il-prosekuzzjoni ma gietx permesa li tipproduci xi prova indispensabbli skond il-ligi.

Illi ma hemmx dubju li fil-fatt fl-udjenza tas-6 ta' Mejju, 2009 kienet intalbet il-korrezzjoni fuq imsemmija w li din it-talba giet akkordata. Dan jirrizulta mill-verbal registrat fil-*prime note* tal-istess udjenza a fols 13 u 14 tal-process u mill-korrezzjoni tad-data minn "2006" ghall "2007" fil-komparixxi a fol. 1 tal-process.

Pero' mill-verbal tal-istess udjenza minn imkien ma jirrizulta li l-Prosekuzzjoni kienet talbet differiment biex ix-xhud Leah Caffari, in rapprezentanza tal-MFSA, jkollha l-opportunita' li taghmel ir-ricerki taghha dwar ir-rapprezentanza tas-socjeta' f' Gunju, 2007. Kull ma hemm fil-*prime note* fir-rigward ta' din ix-xhud hu:-

*"Xehed Kevin Gauci".*
*<u>"Xehdet Leah Caffari rapprezentanta tal-MFSA.</u>*
*"Xehed Joseph Borg"*
*<u>"Il-Prosekuzzjoni tiddikjara li ghalqet il-provi taghha"</u>*
*"Id-Difiza tiddikjara li m'ghandhiex provi."*
*"Kawza deciza."*

Minn imkien ma tirrizulta t-talba tal-prosekuzzjoni ghal xi differiment biex ix-xhud Caffari terga' tixhed f' seduta ohra.

Ikkonsidrat;

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Mohnani"** [28.4.1993] : *"Din il-Qorti ma tistax thares b'leggereza ghall-verbali ta' Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball."*

Ghalhekk din il-Qorti trid toqghod fuq dak li hemm verbalizzat fil-process.

Illi umbaghad, kif gie deciz minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Anne Montfort"** [30.9.2004], ghalkemm fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri"** [5.1.1996], kien gie ritenut li, ladarba x-xhud ikun debitament notifikat u **<u>sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih</u>**, *(emfasi ta' din il-Qorti)* il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu, imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz, il-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhieda skond l-artikolu 441 (4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525(1)(a) tal-Kap.9, (ara wkoll App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia"** [25.7.1994] u ohrajn), f'dak il-kaz, mil-verbal tas-seduta in kwistjoni mhux talli ma jidhirx li l-Prosekuzzjoni insistiet ghal differiment jew li opponiet li l-kawza tinqata', izda addirittura gie verbalizzat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li ma kellux aktar provi x' jipproduci. Gie ghalhekk hemm deciz li tali dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur timporta rinunzja da parti tal-prosekuzzjoni

ghall-produzzjoni tax-xhieda minnha ndikati li baqghu ma xehdux u ghalhekk ma tistax tilmenta fl-istadju tal-appell li giet impeduta milli tipproduci xhieda. Kuntrarjament ghal dak li gie deciz minn din il-Qorti fis-sentenza taghha: **"Il-Pulizija vs. Clive Debono"** [14.9.2004] f' dak il-kaz kien hemm rinunzja ghax ladarba l-ufficjal prosekutur kien qed jiddikjara li ma fadallux provi ohra, hekk biss tista' tigi interpretata tali dikjarazzjoni minghajr tigbid zejjed tal-immaginazzjoni, biex jigi salvat dak li mhux salvabbli. Din il-Qorti ghalhekk kienet cahdet l-appell ta' l-Avukat Generali.

Dan japplika ugwalment f' dan il-kaz ghalkemm hawn *non si tratta* ta' talba ghal differiment ghaliex xhud tal-prosekuzzjoni ma deherx imma kaz fejn kellha tigi verbalizzata t-talba biex ix-xhud Leah Caffari, li fil-fatt xehdet - imma ma setghetx tixhed dwar id-diretturi tas-socjeta' f' Gunju, 2007- tkun tista' terga' tixhed f' seduta ohra fuq id-data gdida, wara li giet korretta l-akkuza fil-komparixxi. Dan ma jirrizultax li sar mill-*prime note* w l-verbali tal-udjenza tas-6 ta' Mejju, 2009.

Ghalhekk la darba dak li qed jallega l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu ma jidhrix sorrett mill-*prime note* u l-verbali tal-udjenza tas-6 ta Mejju, 2009 anzi minn dawn il-verbali jigi dedott *impliciter* li hu kien qed jirrinunzja ghad-depozizzjoni ulterjuri tax-xhud Leah Caffari, din il-Qorti tirritjeni li l-appell tal-Avukat Generali, li jirrigwarda biss il-liberazzjoni ta' Francesco sive Frank Schembri, hu nfondat u ghalhekk ser tichdu fil-parti dispozittiva ta' din is-sentenza.

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-appell tal-appellant Giuseppe Tabone, l-aggravji - kif intqal - huma li ma ngabitx il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li hu kien *"foreman"* tas-socjeta' Schembri & Sons Limited u li ghar-rigward tat-tieni akkuza ma ngabitx il-prova li l-appellant Tabone haddem hu stess lill-impjegati, ghax hu stess gie mharrek bhala impjegat tal-istess socjeta' w mhux bhala principal illi jhaddem in-nies mieghu.

Illi kif jirrizulta mid-depozizzjoni ta’ Kevin Gauci, impjegat tal-Awtorita’ dwar is-Sahha w s-Sigurta’, hu kien kellem lill-appellant Tabone fuq is-sit tax-xoghol. Dan kien qallu li hu kien il-*“foreman”* fuq dak ix-xoghol. Din l-allegazzjoni ma gietx michuda b’ xi prova kuntrarja. L-istess xhud qal li meta hu ghamel ricerka mal-ETC, sab li Tabone kien impjegat bhala “foreman” ma Frank Schembri & Sons Limited u zied jghid li: *“xi haga hekk qeghdha l-kumpanija*”.

Ikkonsidrat;

Illi l-artikolu 6 (1) tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddisponi li :-

*“Min ihaddem ghandu dejjem jizgura s-sahha w is-sigurta’ tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir ghal dik il-persuna li thaddem.”*

Fl-artikolu 2 umbaghad il-ligi tiddisponi li l-frazi *“Min ihaddem”* tfisser :-

*“Il-persuna li ghaliha qed isir ix-xoghol jew jigi moghti servizz minn haddiem jew li jkollha relazzjoni ta’ xoghol ma haddiem u tinkludi kuntrattur jew sub-kuntrattur li jaghmel xoghol jew jaghti servizz jew jintrabat biex jaghmel xi xoghol jew jaghti servizz u*

*a) ghal dak li jirrigwarda xoghol maghmul taht kuntratt ta’ servizz, tfisser il-kuntrattur jew is-sub-kuntrattur, izda ma tinkludix id-Diretturi, managers, socji, jew sidien, okkupanti jew possessuri li ghalihom ikun qed isir ix-xoghol, minn barra fil-kaz fejn ghodod, materjal jew taghmir ikun provvdut minnhom, dwar xi difetti li dan l-apparat jista’ jkollu, liema difetti ikunu maghrufa w ma gewx indikati jew li setghu jkunu maghrufa.*

*b) ghal dak li jirrigwarda l-organizzazzjonijiet l-ohra kollha, inkluzi dawk volontarji jew ghal dak li jirrigwarda xi forma ta’ impieg taht kuntratt ta’ servizz, tinkludi kull*

*wahda mill-persuni li tidderigi fuq kullhadd jew li tiehu hsieb it-tregija ta' kulljum."*

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti persuna impjegata bhala *"foreman"* fuq sit tax-xoghol certament li taqa' taht id-definizzjoni ta' "*<u>kull wahda mill-persuni li tidderiegi fuq kullhadd jew li tiehu hsieb it-tregija ta' kulljum".</u>*

Ghalhekk il-kariga ta' Foreman li kien jokkupa *ex admissis* l-appellant Tabone fuq dak il-lant tax-xoghol kienet ukoll timponi fuqu l-obbligi kollha ta' *"min ihaddem"* ghall-fini tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minnkejja li x-xhud Kevin Gauci kien impreciz meta rrefera ghas-socjeta' li kien impjegat bhala *"foreman*" taghha l-appellant bhala "Frank Schembri & Sons Limited", hu stess ikkwalifika dan meta qal:
*"xi haga hekk qeghdha l-kumpanija*". Li hu zgur hu li l-isem korrett tas-socjeta' hu proprju dak li hemm fil-komparixxi w cioe' "Schembri & Sons Limited". Ghalhekk il-kariga li fiha gie citat l-appellant Tabone hi korretta.

Illi umbaghad ma jidhrix li hemm kontestazzjoni dwar il-fatti li taw lok ghall-akkuzi per se. Irrizulta li meta Kevin Gauci, fuq rapport li kien hemm xi haddiema fuq xi gaggja mdendla ma xi *crane* b' mod perikoluz, mar fuq il-post, sab tnejn minn-nies qed jahdmu fuq gaggja li kienet olterata w li, fl-opinjoni taghhom, ma kienetx *"safe"* biex tintuza. Kienet olterata minnhabba l-fatt li giet estiza kif jidher mir-ritratti esebiti w, flok kienu qed juzaw il-pjattaforma, ghamlu zewg *"beams"* mal-gemb tal-gaggja w kienu qed juzaw *platform* tal-injam li kienu qed jahdmu fuqha fl-ajru. Ukoll, biex jikkompensa bhala *"counterweight",* ghamlu xi *bricks* biex il-gaggja ma tkunx tista' teghleb. Inoltre il-*crane* kellu zejt jillikja, l-kontrolli ma kienux immarkati, la kellu *seat* u kien bla *screens*.

Il-mod assai ingenjuz pero' improvizzat ghal kollox li bih giet estiza l-gaggja jidher car fir-ritratti esebiti a fols.7 sa 12 tal-process, fil-waqt li l-istat tal-*controls* tal-*crane* u *parts* inixxu z-zejt jidhru fil-fotografiji a fols. 9 u 10 tal-process.

Kevin Gauci xehed ukoll li kien talab lill-appellant Tabone – li kien qallu li hu kien il-*foreman* hemmhekk u li kien ta istruzzjonijiet biex jitkahhal jew jimbarax xi hajt li kien qed isir xoghol fuqu - ghal certifikat tal-gaggja w l-*crane* li kien jghid li kienu *"safe for use".* Pero', sa meta xehed fid-9 ta' Lulju, 2009, dawn ic-certifikati baqghu ma gewx prezentati lill-Awtorita'.

Joseph Borg, li xehed li kien wiehed mill-haddiema li kienu qed jahdmu fuq il-gaggja mdendla mill-ajru, qal li l-gaggja kellha xi bicciet mizjudin maghha mahrugin il barra w marbutin mal-fallakki bil-fildiferru w l-*wire* tal-azzar (ara ritratti esebiti a fols 10 u 11).

Din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, hi tal-fehma li din il-gaggja improvvizzata li, fl-espressjoni Ingliza tissejjah "*a Heath-Robinson contraption",* ossia *"a makeshift contrivance",* "lasciava molto a desiderare" ghal dak li jirrigwarda s-sigurta' tal-haddiema li kienu rekbin fuq il-gaggja w gustament l-Awtorita' kienet prejokkupata dwar l-uzu taghha w ghalhekk talbet id-debita certifikazzjoni li baqghet ma waslitx. *Ictu oculi* mir-ritratti esebiti, jidher kemm kienet instabbli l-estensjoni tal-gaggja li kellha l-fallakki marbutin bil-*wire* biex izommu f' posthom u bi *bricks* pogguti fuq naha minnhom biex jaghmluha ta' kontrapiz ghall-haddiema li jkunu fuq il-fallakki fuq in-naha l-ohra tal-estensjoni. Dan in-nuqqas kien bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 6 (1) tal-Kap. 424 fuq riprodott testwalment u jammonta ghar-reat dedott fl-ewwel imputazzjoni.

Mir-ritratti esebiti mbaghad jirrizulta ukoll li l-impjegati fuq il-gaggja ma kienux liebsin ilbies u apparat protettiv bhal elmu, cintorini tas-sigurta', eccetera. (ara ritratti a fols. 7,8 u 12). Dan kien bi ksur tar-regolamenti 4,5,6,7,8,10(1)(2),11 u 17 tal-Avviz Legali 121/2003, kif dedott fit-tieni imputazzjoni.

Ta' dawn in-nuqqasijiet kien ukoll responsabbli l-appellant Tabone bhala l-*"foreman"* fuq is-sit tax-xoghol kif fuq intqal.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li s-sejbien ta’ htija tal-appellant taz-zewg imputazzjonijiet bhala gustifikat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghdha fl-ewwel lok tichad l-appell tal-Avukat Generali w tordna l-isfilz tad-dokument esebit mix-xhud Leah Caffari (biss ghall-fini ta’ praticita’ w bla pregudizzju ghall-ezitu taz-zewg appelli) u, fit-tieni lok, tichad ukoll l-appell tal-appellant Giuseppe sive Joe Tabone w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------